MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2006

Numru 294/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Tabone talli nhar l-20.07.2006 ghal habta tal-11:20am fl-inhawi tat-Taflija limiti tar-Rabat, Ghawdex, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi hsejjes ta' apparat li haddem jew ippermetta li jithaddem fl-ghelieqi tieghu (Art 338(dd) Kap 9);  il-qorti ordnatlu wkoll li jnehhi l-inkonvenjent.

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta' Awissu 2006, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Francis Tabone hati u kkundannatu ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francis Tabone, minnu prezentat fil-15 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa bazikament li b’dak li huwa ghamel – u cioe` li haddem matul il-jum (u fiz-zmien meta kellu l-gheneb biex jipproteggihom mill-ghasafar) *scare crow propane cannon* – huwa ma jistax jinghad li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika fis-sens tal-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Krminali. L-appellant ghandu ragun. Din il-Qorti diga kellha okkazzjoni f’diversi sentenzi taghha tispjega f’hiex jikkonsisti dan ir-reat – li fil-ligi ingliza jissejjah *a breach of the peace* – u li s-semplici hsejjes jew inkonvenjent minn hsejjes ma jammontawx *per se* ghal *breach of the peace*. A skans ta’ ripetizzjoni ssir referenza ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tal-24 ta’ Mejju 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri**, kif ukoll ghas-sentenza, aktar recenti (pero` dejjem ta’ din il-Qorti, ghalkemm diversament presjeduta) tat-3 ta’ April 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Pace**.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------